**Kan. Dr Jonathan Farrugia** *B.A. Hons, B.A. Th. & H.S., S.Th.B., S.Th.L., S.Th.D.*

# *Xbihat tal-Assunta fil-Knejjes tal-Imqabba fis-Seklu Sbatax*

L-UNIKA WAĦDA MINN FOST L-ULIED TAL-PARROĊĊA TA' BIR MIFTUĦ LI ŻAMMET L-ISTESS TITLU TAL-ASSUNZJONI TAL-VERĠNI MARIJA KIENET L-IMQABBA. GĦALHEKK NIFHMU LI F'DAN IR-RAĦAL IL-QIMA U L-IMĦABBA TAL-POPLU LEJN DAN IL-MISTERU MILL-ĦAJJA TAL-MADONNA KIENU JINĦASSU AKTAR MILLI F'LOKALITAJIET OĦRA LI ĦARĠU MILL-MATRIĊI.

Ma niskantawx, għaldaqstant, li x-xbihat tal-Assunta f'dan ir-raħal kienu u għadhom numerużi ħafna. F'dan l-istudju se nippreżentaw ħjiel storiku ta' pitturi li nafu li kienu jeżistu fl-ewwel mitt sena tal-ħajja tal-parroċċa, imma li llum fil-maġġor parti tagħhom intilfu.

**HJIEL STORIKU DWAR L-EWWEL SEKLU TAL-PARROĊĊA TA' MARIJA MTELLGHA FIS-SEMA FL-IMQABBA**

L-ewwel pass biex l-Imqabba saret parroċċa awtonoma jidher li seħħ fit-8 ta' Frar 1575, meta waqt il-viżta pastorali ta' Mons. Pietru Duzina, il-poplu talab biex l-Imqabba u Ħal Farruġ isiru parroċċa awtonoma minħabba li kien hemm bogħod ta' tliet mili biex imorru sal-knisja parrokkjali f'Bir Miftuħ.[1] Dak iż-żmien fl-Imqabba kienu weqfin żewġ knejjes żgħar iddedikati lill-Assunta, iżda l-ebda waħda minnhom ma kienet deskritta bħala l-knisja prinċipali tar-raħal; kienet il-knisja iddedikata lil San Bażilju li kienet il-knisja prinċipali peress li kienet l-ikbar waħda.

It-talba tal-Imqabbin (flimkien ma' dik tan-nies minn żoni oħra li kienu jaqgħu taħt l-istess parroċċa) ġiet imwarrba, wisq probabbli għax il-kappillan ta' Bir Miftuħ Dun Bartilmew Mangion ma qabilx.[2] Mangion miet fit-23 ta' Mejju 1592 u sitt ijiem wara, l-Isqof Mons. Tumas Gargallo qata' minn Bir Miftuħ il-lokalitajiet ta' Ħal Tarxien u dawk ta' Ħal Kirkop, Ħal Safi u l-Imqabba u waqqafhom bħala żewġ parroċċi, fejn dawn it-tlieta tal-aħħar kellhom bħala sede parrokkjali l-knisja ta' San Ġakbu li kienet tinsab bejn Ħal



Il-kwadrett tal-Assunta li seta' kien fil-kwadru tar-Ružarju li jisemma fl-1615

1 Laurenz Zammit, *Descrizioni storica tal Cnisia Parrochiali tal Imkabba* (Malta: Tip. tad-Dar ta S. Giuseppe, 1927), 5.

2 "L-Isqof Tumas Gargallo (1578-1614) li kien jaf bl-ilmenti tan-nies ta' Ħal Tarxien ma setax jesegwihom għax il-kappillan ta' Bir Miftuħ, Dun Bartolomew Mangion, ma tantx kien se jieħu pjaċir li tnaqqaslu l-beni tiegħu jekk Ħal Tarxien isir parroċċa maqtugħa għaliha […]" (Jos. A. Farrugia, Ħal Tarxien isir Parroċċa 29 ta' Mejju 1592 (Malta: Parroċċa Marija Annunzjata, Ħal Tarxien, 2017), 48).


Assumptio B. Mariæ.
Item visitavit etiam aliã Ecclam. ub vocab. Assumpt. B. Mariæ instruct. in eod. Cas: Micalebe à latere sinistro supratæ Ecclæ Annunciatæ quæ decens habet Altare cum figuris in pariete depictis, pavimentum et portas ligneas, caret Rectore, introitibus, ... et aliis necessarijs, in qua populus in die festivit. ex devot. celebrari facit vesperas, et missas, et similiter in aliis diebus festivis et accendunt

Nota dwar l-affreski f'waħda mill-knejjes fl-1575


Altare maius, ubi requiescit D. Tabernaculum habet omnia necessaria et ... una in tela depicta referente Assumptione ... Gloriosissimæ Virginis. Ardet iam ...

Nota dwar l-ewwel kwadru titulari tal-Assunta fl-1615

Safi u Ħal Kirkop. In-nies tal-Imqabba u ta' Ħal Safi ma għoġobhomx dan l-arranġament, u bħala skuża ġabu li ma xtaqux jitbiegħdu mill-oqbra fejn kienu midfuna l-antenati tagħhom. Fil-każ tal-Imqabba nafu li kien hemm midfen quddiem il-knisja ta' San Bażilju u ieħor quddiem waħda mill-knejjes tal-Assunta.

Fis-16 ta' Settembru 1595 l-Imqabbin għażlu sebat irġiel – Baskal Spiteri, Balthasar Cassar, Vinċenz Magro, Bartilmew Magro, Mattew Zammit, Indrì Zammit, Lawrenz Zammit u Salvu Zammit – biex għal darb'oħra jagħmlu petizzjoni lill-isqof biex l-Imqabba ssir parroċċa awtonoma. Id-dettalji ta' din il-petizzjoni, bl-obbligi li daħlu għalihom l-Imqabbin dment li tgħaddi tagħhom, jinsabu fl-atti tan-Nutar Dun Ġwann Debono, li kien il-kanċillier tal-Kurja. F'din il-petizzjoni huma talbu li l-knisja parrokkjali tkun waħda minn dawk iddedikati lill-Assunta li kien hemm fir-raħal[3] u ntrabtu li jħallsu biex ikun hemm lampa mixgħula dejjem quddiem is-Sagrament, li jħallsu l-prebenda parrokkjali u li jipprovdu dar lill-kappillan. It-talba ġiet ikkunsidrata u nqatgħet favur l-Imqabbin eżattament tliet snin neqsin ġurnata wara, fil-15 ta' Settembru 1598 meta l-Imqabba saret parroċċa ddedikata lit-Tlugħ fis-sema ta' Marija, bħalma kienet minn dejjem ix-xewqa tan-nies tar-raħal.[4]

Bejn l-1598 u l-1607, il-knisja ewlenija tar-raħal, kif għedna, kienet dik ta' San Bażilju. Fl-1604 sar kappillan Dun Pietru Pace, mill-Belt, li mill-ewwel beda jaħseb biex tinbena knisja ddedikata lill-Assunta minflok żewġ knejjes oħra li kienu mibnijin maġenb xulxin. Fi żmien tliet snin din il-knisja tlestiet u baqgħet isservi sa madwar is-sena 1699 meta tlestiet il-knisja preżenti.

Iż-żewġ knejjes żgħar l-antiki ddedikati lill-Assunta fl-Imqabba, mibnijin lejn tmiem is-seklu ħmistax, biż-żmien spiċċaw. Waħda spiċċat meta nbniet l-ewwel knisja parrokkjali fil-bidu tas-seklu sbatax għax din inbniet fl-arja tagħha u tal-knisja tal-viżitazzjoni li kienet ħdejha, waqt li l-oħra baqgħet teżisti sal-1680, meta nbniet mill-ġdid bl-istess titlu, li mbagħad inbidel fl-

3 Skont Alexander Bonnici, il-knisja li l-Imqabbin riedu bħala s-sede parrokkjali kienet dik magħrufa bħala "Santa Marija l-Fuqqanija" imma ma jagħtix ħjiel kif wasal għal din il-konklużjoni. Ara Alexander Bonnici, "Lejn l-erezzjoni tal-parroċċa fl-Imqabba fl-1598," f'*L-Imqabba mal-medda taż-żmien*, ed. Charles J. Farrugia (Malta: Parroċċa Santa Marija-Kunsill Lokali tal-Imqabba, 1998), 31; Joseph M. Ghigo, "Monumenti xhieda tal-qima tal-poplu" *ibid*., 50. Jista' jkun li bbaża din l-ipoteżi minħabba li din il-Fuqqanija kienet miżmuma aħjar mill-oħra u għalhekk kienet aktar għal qalb il-poplu.

4 Arkivju Parrokkjali tal-Imqabba, *Notizie appartenenti a cotesta Santa Parrochiale Chiesa della terra Micabiba…* (manuskritt), 7a-b.

1814 għal dak ta' Marija Addolorata kif għadha magħrufa sal-lum.[5]

**XBIHAT TAL-ASSUNTA LI KIENU JEŻISTU FIL-KNEJJES TAL-IMQABBA**

L-eqdem ħjiel li għandna ta' xbihat tal-Madonna fit-tlugħ tagħha fis-sema ġej mill-viżta pastorali ta' Mons. Duzina; in-notamenti jitkellmu dwar il-pitturi li kien hemm fil-knejjes li ftit għexieren ta' snin wara kellha tintemm l-eżistenza tagħhom. Il-każ l-aktar interessanti jidher li kien dak tal-knisja tal-Assunta mibnija qrib dik tal-Annuzjata li dwarha naqraw li kellha xi affreski mpittrin mal-ħajt ta' wara l-altar waħdani li kien fiha.[6] X'kien fihom l-affreski ma nafux, imma wieħed jimmaġina li seta' kellhom x'jaqsmu mat-titlu tal-knisja ladarba kienu jinsabu wara l-altar, fejn is-soltu kien ikun hemm xbieha li tfakkar id-dedikazzjoni. Il-knisja l-oħra, li kienet mibnija ħdejn dik tal-Viżitazzjoni, fejn illum hemm il-knisja parrokkjali, ma jidhirx li kellha xbihat għax huwa speċifikat li kellha altar wieħed u li kienet nieqsa minn kollox, saħansitra paviment u bibien;[7] mhix ħaġa kbira għalhekk li fiha ma kien hemm xejn ta' valur ladarba dan seta' faċilment jinsteraq. M'għandniex niskantaw iżda li xi forma ta' immaġni li tindika d-dedikazzjoni tal-knisja kien hemm, u dan nifhmuh minn dettall li joħroġ mill-viżti pastorali li saru wara meta din il-knisja ma kinitx għadha teżisti.

B'xorti ħażina, il-parti li tiddokumenta l-viżta pastorali tal-Isqof Tumas Gargallo fl-Imqabba fis-sena 1598 li fiha saret parroċċa awtonoma ntilfet; għalhekk ma nafux sewwasew jekk kienx hemm xi bdil fl-ikonografija li kien hemm fil-knejjes.

Mill-viżta li saret fid-9 ta' Diċembru tal-1615 mill-Isqof Baldassare Cagliares nafu li fil-knisja parrokkjali l-ġdida – dik li ħadet post il-knejjes antiki tal-Assunta u tal-Viżitazzjoni – kien hemm pittura fuq it-tila bix-xbieha tat-tlugħ tal-Madonna fis-sema.[8] Bħalma kien il-każ f'ħafna knejjes ta' dak iż-żmien – inkluż fil-matriċi ta' Bir Miftuħ – fl-istess knisja kien hemm altar ieħor iddedikat lill-Assunzjoni tal-Madonna, xhieda tal-imħabba kbira li l-poplu kellu sa minn dejjem lejn il-glorifikazzjoni ta' Marija. Dan kien jinsab fuq il-lemin tal-altar maġġur. Id-dettalji tal-altar ma jsemmux li kellu pittura, iżda jżidu żewġ kurżitajiet li jagħtuna x'nifhmu li xi pittura fil-fatt kien hemm: l-ewwel nett il-viżitatur ħalla miktub ċar u tond li l-altar ma kien jonqsu xejn u li kien miżmum tajjeb ħafna mill-fundatur Baskal Spiteri li kien waqqfu fil-knisja l-ġdida fl-1609; it-tieni jgħidilna li fuq dan l-altar ta' kull sena kienet issir il-festa tal-Assunta permezz tal-għasar u l-quddiesa mħallsin mill-istess Spiteri. Qajla nistgħu nimmaġinaw li dan ir-raġel li kellu daqshekk għal qalbu dan l-altar seta' jħallih imneżża' minn xi xbieha! Maġenb dan l-altar kien jinsab l-altar tal-Madonna tar-Rużarju li minn żmien hekk bikri fl-istorja tal-parroċċa diġà kellu pittura li fiha kienu jidhru l-misteri kollha tar-Rużarju, u għaldaqstant kien fih ukoll xbieha tal-Assunzjoni.[9] Fl-istess ġurnata ġiet miżjura wkoll il-knisja l-oħra ddedikata lill-Assunta li kienet għadha teżisti. Din id-darba, minflok l-affreski mal-ħajt, tissemma ikona żgħira li turi t-tlugħ fis-sema tal-Madonna.[10] Fil-viżta pastorali li saret mill-istess isqof tliet snin wara, jidher li din l-ikona kienet tneħħiet għax jingħad li l-knisja kien jonqosha kulma kien meħtieġ.[11]

5 Jonathan Farrugia, "1814: Tispiċċa l-ġrajja tal-Knisja ta' Santa Marija *il-Fuqqanija*" *Programm tal-Festa ta' Santa Marija* (Malta: Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, l-Imqabba, 2014), 147-151.

6 "...habet altare cum figuri in pariete depictis..." (Arkivju Arċiveskovili, *Visitatio Duzina*, 1575 , f. 122). Din hija l-knisja li llum hija ddedikata lill-Addolorata.

7 "...habet altare tantum, caret pavimento, portis ligneis, rectore, introitibus..." (*ibid.*, f. 123).

8 "Altare maius, ubi requescit S. Tabernaculis, habet omnia necessaria et [...] icona in tela depicta referente Assumptione Gloriosissimae Virginis" (Arkivju Arċiveskovili, *Visitatio Cagliares*, 1615, f. 236).

9 "Item visitavit altare Sacratissimi Rosarij quid est lapideum, habens icona decente omnia misteria sanctissimi Rosarij continente..." (*ibid.*, 237.) Tajjeb ngħidu li l-Fratellanza tar-Rużarju hija l-eqdem waħda fl-Imqabba, u li skont xi sorsi kienet diġà mwaqqfa fl-1596 fil-knsija ta' San Bażilju.

10 "...habet Altare lapideum, et parva icona cum imagine Beatae Mariae Virginis Assumptionis..." (*ibid.*, 239r).

11 "Postremo fuit visitata Ecclesia sub invocatione Assumptionis Beatae Mariae Virginis, qui caret omnibus necessariis" (Arkivju Arċiveskovili, *Visitatio Cagliares*, 1618, 78r).

Nifhmu li l-attenzjoni kienet qiegħda ftit ftit tiġi kkonċentrata fuq il-knisja parrokkjali biż-żewġ altari tal-Assunta li kien fiha.

Xejn ma jidher li nbidel sakemm saret viżta oħra mill-istess isqof fl-1621; l-unika eċċezzjoni nsibuha fil-knisja filjali tal-Assunta li sa dak iż-żmien kienet saritilha pittura ġdida li kienet tixraq lill-post, iżda li mhux speċifikat kinitx tirrappreżenta l-Assunzjoni jew kinitx sempliċement pittura li turi lill-Verġni Mbierka.[12] Mill-aħħar viżta pastorali li saret minn dan l-isqof, fis-sena 1630, nifhmu li maġenb l-altar titulari fil-knisja parrokkjali kien hemm salib iddekorat bil-fidda li fuq in-naħa ta' wara tiegħu kellu xbieha tal-Assunzjoni;[13] nifhmu li dan kien l-ewwel salib tal-kleru tal-parroċċa.

Il-viżitatur li jmiss kien Mons. Pier Francesco Pontremoli, li żar l-Imqabba f'Awwissu tal-1634. Min-notamenti tiegħu nifhmu li fil-kwadru titulari kienu jidhru wkoll l-appostli u li fil-parti ta' fuq kien hemm il-Missier Etern.[14] Dwar l-altar l-ieħor tal-Assunta hawn naqraw fiċ-ċert li kellu pittura li turi t-tlugħ fis-sema tal-Madonna.[15]

Mill-viżta pastorali li saret sena wara mill-Isqof Balaguer insibu dettall ġdid dwar il-pittura li kienet fuq l-altar tal-Assunta li kien jinsab bejn il-maġġur u dak tar-Rużarju; hawn naqraw li kienet antikissima.[16] Dan itina x'nifhmu li l-pittura kienet ilha ħafna hemm, probabbli minn qabel ma twaqqaf l-altar fil-knisja l-ġdida fl-1609 minn Baskal Spiteri. L-ipoteżi tiegħi hija li din ix-xbieha antika kienet fil-fatt il-kwadru titulari tal-knisja tal-Assunta li kienet teżisti sakemm inbniet il-knisja parrokkjali. Huwa veru li fil-viżta pastorali tal-1575 din ma tissemmiex, imma dejjem għandna nżommu f'moħħna li fil-viżti mhux dejjem kien jinkiteb kollox. Possibiltà oħra tista' tkun li l-pittura kienet tneħħiet mill-knisja l-qadima minħabba li din, bħalma rajna, ma kellhiex bibien, imbagħad tpoġġiet fil-knisja l-ġdida fuq it-tieni altar tal-Assunta.

Fi Frar tal-1646 l-Isqof Balaguer għamel viżta oħra fl-Imqabba; ma jidher li nbidel xejn, iżda meta kien fil-knisja ż-żgħira tal-Assunta jsemmi l-pittura ta' wara l-altar li kienet ilha ftit ma tissemma. Hawn jgħidilna li kienet immaġni xierqa biżżejjed għall-post u li kienet imżejna b'biċċa drapp, probabbli xi mant.[17] L-istess isqof reġa' żar il-parroċċa għaxar snin wara, fis-16 ta' Jannar 1654. Id-differenza li tissemma din id-darba tikkonċerna l-pittura fuq l-altar tal-Assunta li kien jinsab ħdejn tar-Rużarju. Il-viżitatur kiteb li l-pittura kienet turi l-Assunzjoni tal-Madonna b'San Ġużepp u Santa Katarina u li kellha gwarniċ ta' kulur iswed.[18] Il-qaddisin ma jissemmewx fil-viżti ta' qabel, għalhekk nifhmu li hija pittura ġdida, li għadha fuq l-istess altar sal-lum.[19]

---

12 "...habet icona decenter noviis depicta cum imagine B.M.V..." (Arkivju Arċiveskovili, *Visitatio Cagliares*, 1621, 63).

13 "Habet cruce in parte sinistra ex argento decorata confecta cum vexillo pendente …in serico…. in cuius diedro est feltina(?) referens BMV Assumpta" (Arkivju Arċiveskovili, *Visitatio Cagliares*, 1630, 64r). Ħajr lil Kan. Dr Nicholas J. Doublet għall-għajnuna tiegħu fid-deċifrazzjoni ta' din in-nota.

14 "Altare ... est... ornato cum icona referente Assump. B.M.V. et duodecim Apostolis Imagines et desuper est Pater eternus" (Arkivju Arċiveskovili, *Visitatio Pontremoli*, 1634, 63).

15 "Item visitavimus aliud altare positus inter maius altare et Ssmi Rosarij, habens aram lapidea cum icona referente Assumptione B.M.V." (*ibid.*, 64).

16 "Insuper visitaverunt aliud altare positum inter maius et dicto Ssmi Rosarij sub Assumptionis vocabulo, seu titilo, ciuis icona est vetustissima referens Assumptione semper Virginis Mariae..." (Arkivju Arċiveskovili, *Visitatio Balaguer*, 1635, 107r).

17 "Icona est satis decens et decorata supra quam est mappa munda" (Arkivju Arċiveskovili, *Visitatio Balaguer*, 1646, 146)

18 "Icona referens Assumptione Deiparae et S. Josephi et S.tae Catharinae, et cornice nigra colore" (Arkivju Arċiveskovili, *Visitatio Balaguer* 1654, 235r).

19 Il-kurżità hija li l-pittura li hemm illum, li tinkludi lil San Ġużepp u lil Santa Katarina, turi fir-realtà l-Inkurunazzjoni tal-Madonna. Għal xi raġuni l-viżitatur ma semmiex il-figuri tat-Trinità li jidhru fl-istess kwadru. S'issa dejjem kien maħsub li l-ewwel darba li din il-pittura tissemma kien fil-viżta ta' Balaguer tal-1658, iżda mid-dehra kienet diġà ilha teżisti minn tal-inqas erba' snin. Possibiltà għal din it-taħbila hija li forsi fl-1654 il-pittura kienet għadha mhix kompluta, u peress li t-Trinità kienet għadha ma tidhirx, il-viżitatur ħaseb li turi l-assunzjoni minflok l-inkurunazzjoni. L-ewwel darba li tissemma t-Trinità hija fl-1686.

Ftit li xejn insibu informazzjoni ġdida mill-viżti li saru wara, għajr dettall mill-viżta pastorali tal-Isqof Molina magħmula fl-1679, li jgħid li l-immaġni li kien hemm fil-knisja filjali tal-Assunta kienet waħda antika.[20] Dwar l-istess knisja nsibu informazzjoni oħra ġejja mill-viżta pastorali tal-Isqof Cocco Palmieri li seħħet f'Mejju 1686; din id-darba naqraw li l-knisja filjali tal-Assunta kienet inbniet mill-ġdid u li issa fuq l-altar kien hemm pittura fuq it-tila magħmula ġdida.[21] Minn din il-viżta nitgħallmu wkoll li kien diġà miexi sewwa l-bini tal-knisja parrokkjali l-ġdida – dik li għadha wieqfa sal-lum – u li l-kor kien diġà lest. Il-pittura titulari tal-Assunta kienet diġà mqiegħda fil-binja l-ġdida; kienet l-istess pittura li kien hemm qabel għax il-viżitatur jgħid li hija l-pittura diġà deskritta f'viżti li saru qabel.[22] Il-pittura l-oħra tal-Assunta, li kienet fuq l-altar bejn il-maġġur u tar-Rużarju din id-darba ma tissemmiex bħal qabel. L-altar jidher li ma kienx għadu jintuża għax ma jissemmiex; jingħad iżda li kien inbena ħajt ġdid bejn il-kor u l-altar tar-Rużarju u li miegħu kien hemm imdendla pittura li turi s-Santissma Trinità qed tinkuruna lill-Verġni mbierka b'San Ġużepp u Santa Katarina taħt. Id-dettall taż-żewġ qaddisin jassigurawna li Cocco Palmieri kien qiegħed jitkellem fuq l-istess pittura li kienet issemmiet għall-ewwel darba fl-1654; din id-darba jispeċifika li kien hemm it-Trinità qed tinkuruna lill-Madonna.[23] Bħalma għedna, jista' jkun li oriġinarjament il-pittura kienet turi lill-Madonna qed tittella' s-sema bil-qaddisin taħtha, u li eventwalment, mal-ħsieb tal-knisja l-ġdida u biex jiġi evitat li jkun hemm żewġ altari tal-Assunta, żdiedet it-Trinità biex il-kwadru ġie jirrappreżenta l-Inkurunazzjoni. Dettall ieħor jagħtina x'nifhmu li kienet saret pittura ġdida tal-Madonna tar-Rużarju bil-kwadrett tal-misteri madwarha; dan nifhmuh għax il-viżitatur jinnota li fil-kwadru kienu jidhru San Duminku, Santa Katarina ta' Siena u qaddisin oħrajn, persunaġġi li s'issa qatt ma ssemmew.[24] Jekk saret pittura ġdida tal-Madonna bil-misteri tar-Rużarju, nifhmu li sar kwadrett ġdid tal-Assunta wkoll.

Dettall kurjuż li jinsab fin-notamenti tal-viżta pastorali tal-10 ta' Mejju 1693, itina x'nifhmu li seta' sar kwadru titulari ġdid. Mill-viżta ta' qabel għedna li l-kor kien inbena ġdid u li l-kwadru titulari tal-Assunta kien iddendel hemm waqt li l-kwadru l-ieħor tal-Assunta (li issa sar tal-Inkurunazzjoni) kien imdendel ma' ħajt proviżorju u li maġenbu kien hemm il-kwadru tar-Rużarju. Fl-1693, dawn il-partijiet kienu kollha lesti mill-bini u kienu diġà ġew imsaqqfa, għax il-koppla kienet lesta wkoll. Meta l-viżitatur jiddeskrivi l-pittura tal-Inkurunazzjoni jagħti l-istess dettalji bħal qabel; mela dan ifisser li ma kinitx inbidlet; meta jitkellem fuq il-pittura tar-Rużarju jgħid li din kienet l-antika u li kienet turi lill-Madonna bil-misteri tar-Rużarju madwarha, però jagħti x'jifhem li kien hemm pittura oħra ġdida.[25] Nifhmu li din hija l-pittura li ssemmiet fil-viżta ta' qabel li kienet tinkludi lill-qaddisin; probabbli reġgħet tpoġġiet l-antika minħabba x-xogħol li kien għaddej fil-knisja. Meta jitkellem fuq il-kwadru titulari, iżda, ma jgħidx li kien l-istess wieħed li ġie diġà deskritt qabel. Mid-deskrizzjoni nifhmu li l-prospettiva tal-kor kienet lesta kif għadna narawha llum, b'erba' kolonni u bi gwarniċa tal-ġebel skulturata; id-dimensjonijiet tal-knisja l-ġdida bilfors li kienu ferm ikbar minn tal-knisja ta' qabel, għalhekk, wisq probabbli, il-pittura l-antika kienet żgħira

20 "Habet altare lapideum... super quo est icona antiqua referens Imagine Beatae Mariae Virginis..." (Arkivju Arċiveskovili, *Visitatio Molina*, 1679, 265).

21 "...ornatum cum icona desuper noviter in tela depicta referente imaginem B.M.V. Assumptae, cornice lignea partim decorata et partim depinta..." (Arkivju Arċiveskovili, *Visitatio Cocco Palmieri*, 1686, 227r).

22 "Icona vere referens Imaginem Beatae Mariae Virginis Assumptae descripta in antecedenti Visitatione ad prius detinctur in prospectu chori noviter construiti in actuali reedificatione in ampliori e moderna forma ipsius Eccleslia" (*ibid.*, 222r).

23 "In cornu evangelii altaris maioris adest Icona in muro appensa referens Imaginem Ss.mae Trinitatis coronantis B.V. et in parte inferiori Sanctorum Joseph et Catharinae V. et M. quae detinebatur in eius proprio altari dexteri lateris altaris maioris..." (*ibid.*, 223).

24 "Habet iconam referentem Imaginem B.M.V. nec non Ss Dominici et Catharinae Senensis ac aliorum et circum circa mysteria Ss Rosarij..." (*ibid.* 223r).

25 "...nondum tamen est provisum de eius nova Icona, sed in eius theca detinetur appensa antiqua, quae refert imaginem B.M.V,. et circumcirca mysteria ss.mi Rosarij" (Arkivju Arċiveskovili, *Visitatio Cocco Palmieri*, 1693, 107r).

wisq għall-prospettiva l-ġdida u għaldaqstant hemm possibbiltà notevoli li sar titular ġdid, akbar, għall-knisja l-ġdida.[26]

Mill-aħħar viżta tas-seklu 17, li saret nhar 28 ta' Ġunju 1699 meta l-knisja l-ġdida kienet lesta u l-antika kienet twaqqgħet, insibu l-konferma li l-pittura tar-Rużarju, bil-kwadretti tal-misteri, li l-viżitatur ra imdendla fuq l-altar, kienet il-ġdida. Fil-fatt, il-viżitatur jagħti wkoll deskrizzjoni tal-kwadru: kien juri lill-Madonna bil-Bambin fil-parti ta' fuq, u fil-parti t'isfel kienu jidhru r-Re David, San Duminku, Santa Katarina ta' Siena u Santa Rosa ta' Lima, waqt li madwarhom kien hemm il-misteri tar-Rużarju.[27] La l-knisja kienet lesta, mela l-kwadru li kien deher għall-ewwel darba fl-1686, imma li kien twarrab qabel l-1693, issa kien sab postu definittivament, sakemm inbidel 210 snin wara.



Il-pittura tal-Assunta mal-qaddisin li tissemma għall-ewwel darba fl-1654

**GHELUQ**

Minn dan l-istudju nieħdu idea ferm aktar ċara tal-qima u l-imħabba lejn l-Assunzjoni tal-Madonna li l-Imqabbin wirtu mill-matriċi ta' Birmiftuħ. Dawn iż-żewġ forom ta' devozzjoni ġew tradotti f'numru konsiderevoli ta' xbihat li kienu jżejnu l-knejjes Imqabbin tul l-ewwel mitt sena tal-ħajja tal-parroċċa. Fil-qosor nafu fiċ-ċert li fil-knisja parrokkjali kien hemm żewġ kwadri titulari tal-Assunta, żewġ kwadri li kienu jokkupaw l-altar l-ieħor iddedikat lill-istess titlu u żewġ kwadretti fil-kwadru tar-Rużarju. Fil-knisja l-oħra tal-Assunta identifikajna almenu erba' xbihat: l-affreski li kien hemm fi tmiem is-seklu 16, l-ikona żgħira li tpoġġiet wara, il-pittura tal-Assunta li saret ġdida qabel l-1621 u l-pittura l-oħra li saret meta l-knisja nbniet mill-ġdid fl-1686. Ma' dawn insemmu wkoll dik ix-xbieha ċkejkna tal-fidda li kienet tinsab fuq in-naħa ta' wara tas-salib tal-kleru. Qed nitkellmu għalhekk fuq għaxar pitturi u xbieha tal-fidda li lkoll juru l-misteru tat-tlugħ fis-sema tal-Madonna; din hija konċentrazzjoni kemxejn mhux tas-soltu f'raħal żgħir ħafna li tista' tiġi spjegata biss bħala espressjoni tas-sentiment ġenwin tal-poplu. L-ebda titlu ieħor ma jidher li kien għal qalb l-Imqabbin, kif kien bix-xieraq wara kollox.

Minn dawn it-tnax-il xbieha, sfortunatament ma' fadal kważi xejn. Ix-xbieha tal-fidda ta' mas-salib tal-kleru ma nafux x'sar minnha meta sar is-salib tal-kleru attwali fl-1768; mhux eskluż li x-xbieha tal-Assunta li hemm fuq dak attwali hija fil-fatt dik oriġinali, imma m'għandniex provi favur jew kontra. Minn dawk l-erba' xbihat li kienu fil-knisja filjali, żgur li ma fadal l-ebda waħda. Din il-knisja biddlet it-titlu għal dak ta' Marija Addolorata fl-

26 "Visitavit altare similare noviter constructum in prospectu chori, quod est lapideum, cum sua ara aptum pro sacrficis missae et benedictioniae, eius icona cornice lapidea cirumdata ac inter quatuor coumnas, alia que ornamenta lapidea elegantior incisa, collocata refert mysterium Assumptionis B.M.V." (*ibid*, 107).

27 "Eius Icona in tela depicta noviter confecta refert Imaginem B.M.V. cum puero Jesu in parte superiori, in inferiori vero effiges Ss. David Prophetae, Dominici Conofessori, Catharinae Senensis et Rosae, et circumcirca Misteria Ss.mi Rosarii" (Arkivju Arċiveskovili, *Visitatio Cocco Palmeri*, 1699, 246r).

1814 u mhux magħruf x'sar minn dik il-pittura li saret lejn l-1686 meta d-Duluri ħaditilha postha. M'għandniex ħjiel x'sar mill-kwadru titulari li sar meta nbniet il-knisja l-ġdida wara li sar dak ta' Filippo Venuti fl-1897. Fi ktieb tal-1927, Dun Lawrenz Zammit jgħid li l-kwadru titulari tal-knisja li nbniet fil-bidu tas-seklu 17 kien jinsab fis-sagristija l-qadima tal-knisja.[28] Jekk dan huwa minnu, din hija prova oħra li meta nbniet il-knisja preżenti sar titular ġdid għax fis-sagristija l-qadima m'hemmx spazju fejn toqgħod pittura tad-daqs tal-gwarniċa kbira tal-kor kif sar fl-1699; lanqas ma nistgħu nimmaġinaw li għal 200 sena, fl-aktar altar importanti u prominenti tal-knisja setgħet tħalliet pittura żgħira wisq għall-gwarniċa. Kien x'kien il-każ, wara l-1927 ma nafux x'sar minnu dan il-kwadru. Il-kwadru l-antik li kien jinsab fuq l-altar l-ieħor tal-Assunta ma nafu xejn dwaru wara li sar il-ġdid lejn l-1654, waqt li l-kwadri bil-misteri tar-Rużarju wkoll ma nafux x'sar minnhom wara li saret il-pittura l-ġdida minn id Ġużeppi Calì fl-1903. L-unika pittura li żgur għadha teżisti hija dik li llum hija magħrufa bħala tal-Inkurunazzjoni, fejn jidhru San Ġużepp u Santa Katarina; din għadha tinsab fuq l-altar bejn il-maġġur u tar-Rużarju bħalma dejjem kienet. Minn restawr li sar fuqha fl-2018 irriżulta li hija biċċa xogħol fina ħafna ta' artist kompetenti li probabbilment kellu konnessjonijiet mal-Italja. Rigward il-kwadretti tal-altar tar-Rużarju, dawn jista' jkun li nqatgħu mit-tila prinċipali u tqassmu jew inbiegħu, ħaġa li ma kinitx rari fl-imgħoddi. Sena ilu ġietni l-opportunità nixtri biċċtejn li skont is-sorsi dawn kienu oriġinarjament fil-knisja tal-Imqabba: waħda minnhom hija l-kwadrett tal-Assunta, li mill-istil tagħha wisq probabbli kien jifforma parti mill-kwadru li jissemma sal-1693. Hija tassew ħasra li dan il-patrimonju intilef, iżda b'xorti tajba l-memorja tiegħu għadha hemm grazzi għad-dokumenti li waslu sa żmienna.

28 "[L-altar maġġur] li chien iddedicat lil Assunzioni ta Maria V. u li il quadru ta dan l'altar illum insab icconservat fis-sacrestia il Kadima tal attuali Cnisia Parrochiali" (Zammit, op. cit., 13).